# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 11**

**Rikors numru 1111/17/1 JVC**

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali**

**v.**

**Nadia Vella, Carmen Vella u Dr. William Cuschieri u b'digriet tal-14 ta' Mejju 2018 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali llum Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza titratta l-appell li ppreżentaw il-konvenuti fid-9 ta' Diċembru 2020 minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tas-26 ta' Novembru 2020 li biha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li biha ilmentaw li hemm ksur tal-principju ta' *ne bis in idem* u ksur tad-dritt għal smigħ xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni). Eċċezzjoni li ngħatat fil-kawża ta' disprezz, li fiha l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

> *"1. Issib lill-intimati jew min minnhom hati ta' disprezz kontra l-awtorita` taghha ai termini tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *"2.Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;*
>
> *"3.Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimati jew min minnhom ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimati jew min minnhom"*

2. Min-naħa tal-konvenuti kull wieħed minnhom ta eċċezzjoni preliminari li taqra:[1]

> *'1. Illi preliminarjament l-esponenti jwiegeb illi l-proceduri odjerni huma proceduri ta' natura penali mibdija kontra tieghu wara digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar l-24 ta' Awwissu, 2016 fl-atti ta'kawza bejn terzi senjatament il-kawza li ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri v. Nadia Vella*** *u illi:*
>
> > *(i) "billi d-digriet imsemmi jghid illi l-agir ta' l-esponenti jikkostitwixxi "att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti," japplika l-principju ne bis in idem u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma tistax terga' ssib lill-esponenti hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ghar-rigward l-istess agir kif mitlub fir-rikors mahluf, u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici u dawk konsegwenti ghaliha ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti;*
> >
> > *(ii) "minghajr pregudizzju ghas-suespost, tali digriet huwa leziv tal-jedd fundamentali ta' l-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi, fost ragunijiet ohra, (a) huwa ma inghatax l-opportunita` illi jwiegeb ghall-allegazzjonijiet illi saru fil-konfront tieghu mill-marixxalli qabel ma nghata d-digriet tal-24 ta' Awwissu, 2016 u (b) il-fatt illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gja` irriteniet illi*

[1] Kull wieħed mill-konvenuti ppreżenta tweġiba ġuramentata għalih (ara fol. 14, fol. 19 u fol. 23).

*minn dak irrappurtat mill-marixxalli l-agir ta' l-esponenti jikkostitwixxi ostakolu ghal ezekuzzjoni u att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ifisser illi l-esponenti mhux biss gie akkuzat u ipprocessat fl-assenza tieghu izda kien ukoll gie dikjarat hati; u*

(iii) *"minghajr pregudizzju ghas-suespost, ladarba l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gja` esprimiet ruhha u irriteniet dak illi inghad fil-paragrafu precedenti, id-digriet tal-24 ta' Awwissu, 2016 jikser il-jedd ta' l-esponenti ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza tieghu u ladarba huwa bis-sahha ta' tali digriet illi inbdew il-proceduri odjerni, il-jedd fundamentali ta' l-esponenti mhux biss gie miksur izda x'aktarx ser ikompli jigi miksur bil-proceduri odjerni"*.

3. Il-fatti l-iktar rilevanti għal dan l-appell huma s-segwenti:

i. B'digriet mogħti fit-23 ta' Awwissu 2016 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja fil-kawża **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** (302/2012) wara rikors preżentat minn Camilleri dakinhar stess, ordnat fost'affarijiet oħra: *".... tawtorizza lill-marixxalli u lill-Pulizija jużaw kull mezz possibbli fil-limiti tal-Liġi inkluż l-isgass tal-bieb/entratura fejn ikun jinstab il-minuri Eric sabiex jiġi eżegwit id-digriet tal-21 ta' Lulju 2016"*.

ii. Skont rapport li sar mill-uffiċjal eżekuttiv Mario Genuis tat-23 ta' Awwissu 2016, għarraf lill-Qorti li ma twettqitx l-ordni tal-Qorti minħabba dak li ddeskriva bħala tfixkil mill-konvenuti f'din il-kawża.

iii. B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta' Awwissu 2016, ordnat lir-Reġistratur sabiex jibda proċeduri ta' disprezz kontra l-konvenuti skont l-Art. 1003A tal-Kap.12. Fid-digriet jingħad, *"Ikkonsidrat li l-aġir ta' Nadia Vella, ta' Carmen Vella u tal-Av. Dr William*

*Cuschieri skont kif irraportaw il-Marixxalli jikkostitwixxi ostakolu għall-eżekuzzjoni* [*sc.* tal-ordni] *tal-Qorti u att ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti"*.

iv. B'rikors ġuramentat preżentat fis-7 ta' Diċembru 2017 ir-Reġistratur ippreżenta l-kawża ta' disprezz l-konvenuti Nadia Vella, Carmen Vella u Dr William Cuschieri.

4. Mis-sentenza appellaw il-konvenuti b'rikors preżentat fid-9 ta' Diċembru 2020.

5. L-Avukat tal-Istat wieġeb permezz ta' risposta li ppreżenta fis-16 ta' Diċembru 2020 u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud. L-atturi ma ppreżentawx tweġiba għalkemm fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2021 id-difensur tagħhom ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**L-ewwel aggravju.**

6. Il-konvenuti ilmentaw li s-sentenza appellata hi nulla għaliex ingħatat minn Qorti li ma kinitx il-Qorti li semgħet il-kawża.

7. L-atturi ppreżentaw il-kawża fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla. Kif rajna b'sentenza tas-26 ta' Novembru 2020 l-ewwel Qorti ddeċiediet l-ewwel

eċċezzjoni ta' kull wieħed mill-konvenuti li jitrattaw allegazzjoni li sofrew minn ksur tal-jedd fundamentali li l-kawża tikser il-jeddijiet fundamentali dwar *ne bis in idem* u għal smigħ xieraq.

8. Hu minnu li fil-parti ta' fuq tal-ewwel faċċata tas-sentenza hemm stampat *"Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)"*. Pero` skont il-liġi teżisti biss *"Qorti Ċivili, Prim'Awla"*, u f'dik il-Qorti ma teżistix sezzjoni magħrufa bħala *'Sede Kostituzzjonali'*. Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla hi waħda u ma tinqasamx f'sezzjonijiet differenti. F'dan ir-rigward issir referenza għar-regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19 li tistipula liema huma l-Qrati u s-sezzjonijiet differenti.

9. Is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2020 ingħatat mill-Qorti li qiegħda tisma' l-kawża. Hu minnu li hi prassi li f'sentenzi li fihom jiġu kkonsidrati u deċiżi materji relatati mal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, wara l-kliem Qorti Ċivili, Prim'Awla jiżdiedu l-kliem (*Sede Kostituzzjonali)*. Madankollu b'daqshekk ma jfissirx li teżisti xi Qorti oħra. Is-sentenza tingħata mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla irrispettivament hijiex sentenza f'kawża li ssir skont l-Art. 4(1) tal-Kap. 319 jew Art. 46(1) tal-Kostituzzjoni; jew ordni ta' referenza li tkun saret skont l-Art. 4(3) tal-Kap. 319 jew art.46(3) tal-Kostituzzjoni; jew f'kawża li qiegħda tinstema' quddiem dik l-istess Qorti u tqum kwistjoni dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali (Art. 34 tal-Kap. 12).

10. Inoltre, il-konvenuti ma sofrew l-ebda preġudizzju għaliex appellaw kemm quddiem il-Qorti tal-Appell u l-Qorti Kostituzzjonali. Fir-realta` l-appell kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell (ara Art. 34 tal-Kap. 12).

11. Għaldaqstant, tikkonkludi li l-aggravju hu fieragħ u tiċħad l-istess.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

12. Fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2021 il-konvenuti ddikjaraw li kienu qegħdin jirrinunzjaw għat-tieni aggravju li bih il-konvenuti ilmentaw li, *"5.1 ....... l-ewwel Onorabbli Qorti marret extra petita u ultra petita meta iddeċidiet iktar mill-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tal-esponenti u dan meta ddeċidiet ukoll illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni imqajma mill-esponenti fir-risposta maħlufa tagħhom"*.

13. Għaldaqstant, m'hemmx ħtieġa li jsiru konsiderazzjonijiet u tingħata deċiżjoni dwar dak l-aggravju.

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

14. Il-konvenuti ilmentaw li qegħdin jattakkaw id-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Awwissu 2016 u mhux:

> *"6.3 ....... il-proċeduri ta' disprezz per se illi sa issa għadhom pendenti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti iżda dwar digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar l-24 ta' Awwissu 2016 illi bih ġie ordnat illi jittieħdu l-proċeduri ta' disprezz fil-konfront tal-esponenti liema digriet l-esponenti jilmentaw illi huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħhom".*

15. Isostnu li l-ewwel Qorti kellha tiddetermina jekk bid-digriet tal-24 ta' Awwissu 2016 seħħx ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq.

16. Dan l-aggravju hu fieragħ ukoll. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet:

> *"Illi fil-kaz odjern il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ai termini tal-Artikolu 1003A ordnat li jittiehdu proceduri ta' disprezz u jkun biss wara li l-proceduri jiehdu l-kors taghhom, li jigi deciz jekk l-konvenuti humiex jew le hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha. Bla dubju ta' xejn dan huwa turija cara li m'huwiex minnu li hemm ksur tal-jedd taghhom tal-presunzjoni tal-innocenza tant hu hekk li d-digriet tal-24 ta' Awwissu, 2016 bl-ebda mod ma nfligga piena izda taha biss direzzjoni sabiex jinfethu proceduri. Jirrizulta li kull ma ghamlet il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) huwa li ordnat li jittiehdu passi ta' disprezz stante li '...skont kif irrapportaw il-Marixxalli jikkostitwixxi ostakolu ghall-ezekuzzjoni tal-Qorti u att ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti'. Huwa ghalhekk car ghal din il-Qorti li l-Onorabbli Civili (Sezzjoni Familja) fid-digriet taghha ma ddecidietx li l-intimati odjerni kienu hatja ta' disprezz izda iddekretat biss li l-fatti kif esposti mill-marixxali jistghu jekwivalu ghal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u ghalhekk minghajr ma esprimiet ruhha ulterjorment mxiet ma dak li tipprovdi l-ligi u ordnat lid-Direttur tal-Qrati sabiex jinizjala l-proceduri ta' disprezz fil-konfront tal-intimati. L-intimati gew notifikati b'dawn il-proceduri u kellhom l-opportunita' li jirrispondu kif fil-fatt ghamlu u bhal kull parti fil-proceduri ghandhom l-opportunita' li jressqu l-provi kollha relatati ma' dak allegat fil-konfront taghhom. Fil-fatt sal-lum id-disprezz lejn il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) da parti tal-intimati ghadu biss mera allegazzjoni u ghad irid jigi nvestigat mill-Qorti odjerna qabel ma jigi dikjarat jekk hux verament sehh jew le.*
>
> *"Illi ghalhekk hija biss il-Qorti odjerna li ser tinvestiga l-allegat disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u jkun biss jekk jirrizulta l-kaz, li l-Qorti tghaddi sabiex tinfliggi piena. Dan huwa fil-fatt dak li sehh fil-kawza li ghaliha ghamel referenza l-Avukat Generali fir-risposta tieghu a fol. 104 u 105 tal-process fl-ismijiet Direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati u Tribunali Civili -vs- Maria Beck bir-rikors guramentat numru*

> *319/2015LSO fejn irrizulta li malgrad li ttiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront taghha, l-Qorti adita mill-investigazzjoni tal-istess disprezz ma sabitx l-estremi sabiex tikkundanna l-intimat. Dan qed jinghad minghajr ebda pregudizzju ghall-mertu tal-proceduri odjerni"*.

17. Minn dan l-estratt hu altru milli evidenti li l-ewwel Qorti kkonsidrat jekk bid-digriet tal-ewwel Qorti l-konvenuti sofrewx leżjoni tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq.

18. Għaldaqstant tiċħad it-tielet aggravju.

**Ir-raba' aggravju**.

19. B'dan l-aggravju l-konvenuti jsostnu li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea japplika wkoll għall-proċeduri ta' disprezz. Kif rajna l-kawża titratta dwar allegat atti ta' disprezz li jingħad li l-konvenuti wettqu wara ordni li ngħatat mill-Qorti, fis-sens li allegatament fixklu lill-uffiċjali eżekuttivi mill-jwettqu l-ordni tal-Qorti.

20. L-ewwel Qorti kkonkludiet li:

> *"Ghalhekk la darba gie stabilit minn din il-Qorti, anki a bazi ta' gurisprudenza, li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax fil-kaz ta' proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, u wkoll a bazi tal-konsiderazzjonijiet kollha tal-Qorti kif suesposti, il-Qorti ma tqisx li jirrizulta l-ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigh xieraq tal-intimati kif allegat u ser tghaddi sabiex tichad il-lanjanzi kostituzzjonali mqajjma minnhom"*.

21. Fis-sentenza l-ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenzi **Ravnsborg v. Sweden** (para. 34) u **Putz v. Austria** (para. 33-37) tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u osservat:

> *"F'dawn id-decizjonijiet intqal ukoll li hemm dubju jekk proceduri ghad-disprezz tal-qorti ghandhomx jitqiesu bhala essenzjalment penali fin-natura taghhom. In effett il- provedimenti li jittiehdu minn qorti li jemergu mid-dover inerenti tal-istess Qorti li zzomm il-buon ordni u li tassikura andament gust tal-proceduri li jkunu qed isiru quddiemha, huma iktar fin-natura taghhom esercizju ta' poteri dixxiplinari milli imposizzjoni ta' sanzjoni ghar-reat kriminali"*

22. Din il-Qorti m'għandhiex dubju li fil-kawża tal-lum tapplika l-garanzija għal smigħ xieraq. Dan m'huwiex każ fejn per eżempju parti qalet kelma żejda waqt seduta, u l-Qorti dak il-ħin stess iddikjarat li l-persuna hi ħatja ta' disprezz u tatha ċanfira jew keċċitha mill-qorti (Art. 990 tal-Kap.1 2). Fil-kawża tal-lum l-atturi talbu li l-konvenuti jkunu kundannati għall-perjodu ta' priġunerija, li skont il-liġi tista' tkun sa żmien xahar (Art. 997 tal-Kap. 12). Altru milli għall-kawża tal-lum japplika l-jedd fundamentali għal smigħ xieraq.

23. Il-QEDB stess fis-sentenza **Mariusz Lewandowski v. Poland** tat-3 ta' Lulju 2012, spjegat:

> *"27. The Court reiterates that the criteria of applicability of Article 6 under its criminal head have long been established by its case-law as follows: (a) the domestic classification of the offence; (b) the nature of the offence; and (c) the degree of severity of the penalty that the person concerned risked incurring (see, among many other authorities, Engel and others v. the Netherlands, 8 June 1976, §§ 82-83, Series A no. 22, and Öztürk v. Germany, 21 February 1984, §§ 48-50, Series A no. 73). The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to*

> *be regarded as criminal <u>or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general criminal sphere</u>. This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see Ezeh and Connors v. the United Kingdom [GC], nos. <u>39665/98</u> and <u>40086/98</u>, §§ 82-86, ECHR 2003-X). It is further noted that the Court has held that Article 6 of the Convention under its criminal head applies fully to proceedings concerning contempt of court in the context of criminal proceedings (see Kyprianou v. Cyprus [GC], no. <u>73797/01</u>, § 61, ECHR 2005-XIII)".*

24. Fil-ġurisprudenza lokali stess hu aċċettat li kawża tax-xorta li ppreżentaw l-atturi min-natura tagħha hi ta' natura kriminali (ara per eżempju **<u>Catherine Portelli v. Joseph Cachia et nomine</u>**, Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar 1991 u **<u>Francis X. Aquilina v. Giuseppe Debono</u>**, Qorti Ċivili Prim'Awla tad-9 ta' Far 1996). Dan minkejja li fil-liġi ordinarja m'hemmx dispożizzjoni li tipprovdi li kawża ta' disprezz tal-qorti hi ta' natura kriminali. Fl-ewwel sentenza l-Qorti tal-Appell qalet:

> *"Mill-premess jidher ċar li dan il-proċediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess proċediment ġie introdott biċ-ċitazzjoni, ċjoe' l-att li ordinarjament jinizja l-kawża ċivili, u ma jneħħilu xejn minn natura kriminali. Iċ-ċitazzjoni f'dan il-każ mhijiex ħlief it-taħrika tal-akkużat biex 'jidher biex iwieġeb għall-akkuża'* (artikolu 998 tal-Kap. 12).

25. Saħansitra fis-sentenza **<u>Il-Pulizija v. Robert Saliba</u>** tas-17 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tal-Appell qalet:

> *"..... l-ewwel Qorti naqset milli ticcita l-artikolu tal-ligi li johloq ir-reat li tieghu sabet htija u tenut kont li <u>l-procedimenti ghal disprezz dejjem tqisu bhala li ghandhom mill-proceduri kriminali</u> japplika dak previst fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi tassattivament li d-decizjoni ghandha ticcita l-artikolu li johloq ir- reat. In-nuqqas ta' tali rekwizit igib necessarjament in-nullita' tad-decizjoni appellata".*

26. Minkejja r-raġunament tal-ewwel Qorti, għalkemm din il-Qorti hi tal-fehma li f'każ bħal dak in eżami l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għandu japplika, id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti m'hijiex bażata biss fuq dik il-fehma tagħha.

**<u>Il-ħames aggravju.</u>**

27. B'dan l-aħħar aggravju l-konvenuti jilmentaw li kien hemm ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq bid-digriet li tat il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Awwissu 2016. Digriet li fih il-Qorti qalet:

> *"Il-Qorti:*
>
> *"Rat ir-rapport tal-Marixxalli datat 23 ta' Awissu 2016.*
>
> *"Ikkunsidrat li l-aġir ta' Nadia Vella, ta' Carmen Vella u tal-Av. Dr William Cuschieri skont kif irraportaw il-Marixxalli jikkostitwixxi ostakolu għall-eżekuzzjoni* [sc. tal-ordni] *tal-Qorti u att ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.*
>
> *"Rat l-artikoli 70 u 1003A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *"Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji għal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti kontra t-tlett persuni msemmija ai termini tal-Art. 1003A tal-Kap.12"*.

28. Il-konvenuti jsostnu li dak id-digriet *"8.10..... ġja jesprimi l-fehma illi l-esponenti kkommetta att ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u għalhekk jimputa ħtija fuq l-esponenti"*. F'dan ir-rigward għamlu referenza għal dik il-parti tad-digriet li taqra:

> *".... l-aġir ta' Nadia Vella, ta' Carmen Vella u tal-Av. Dr William Cuschieri skont kif irraportaw il-Marixxalli jikkostitwixxi ostakolu għall-eżekuzzjoni* [*sc.* tal-ordni] *tal-Qorti u att ta' disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti"*.

29. Fir-rikors tal-appell saret referenza estensiva għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom **Butkevicius v. Lithuania** (26 ta' Marzu 2002); **Fatullayev v. Azerbaijan** (22 ta' April 2010); **Minelli v. Switzerland** (25 ta' Marzu 1983); u **Gutsanovi v. Bulgaria** tal-15 ta' Ottubru 2013. Argumentaw:

> *"8.15. Fil-każ de quo d-dikjarazzjoni ta' ħtija saret mingħajr ma ngħataw l-ebda dritt lill-esponenti sabiex jiddefendu ruħhom tant illi huma lanqas ma ġew notifikati bir-rapport tal-marixxalli, ma ngħatawx dritt jagħmlu tweġiba jew xi sottomissjonijiet fir-rigward tal-kontenut tar-rapport tal-marixxali ! Kif ingħad, tabilħaqq l-esponenti lanqas biss kienu jafu bil-kontenut tar-rapport tal-marixxalli. Kif intqal fis-sentenza fuq kwotata Minelli vs Switzerland .... "the presumption of innocence will be violated if, without the accused's having previously been proved guilty according to law and, notably, without his having had the opportunity of exercising his rights of defence, a judicial decision concerning him reflects an opinion that he is guilty".*
>
> *"......*
>
> *"8.16. Dan ifisser illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tevalwa jekk kienx hemm a judicial decision concerning (them) reflects an opinion that (they are) guilty. It-tweġiba hija fl-affermattiv għaliex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) esprimiet ruħha in no uncertain terms illi dak li rrapurtawlha l-marixxalli huwa att ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha. Għalhekk id-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Awissu 2016 huwa leżiv tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza sanċit fl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea ġġib magħha wkoll vjolazzjoni tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea......*
>
> *"8.17 B'żieda ma' dan kollu, l-esponenti jtennu illi l-fatt illi huma ma ġewx mgħarrfa bil-kontenut tar-rapport tal-marixxalli, ma ingħataw l-ebda jedd li jwieġbu u l-ebda jedd ta' smigħ fir-rigward minnu nnifsu jikser il-prinċipju ta' audi alteram partem u huwa leżiv tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-esponenti. Dan il-punt għalkemm jolqot lill-esponenti t-tlieta illi huma huwa aktar relevanti għall-esponenti Carmen Vella u l-Avukat William Cuschieri illi lanqas biss kienu parti mill-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)".*

30. B'dak id-digriet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat biss li jittieħdu proċeduri ta' disprezz kontra l-konvenuti. Sal-lum m'hemmx deċiżjoni li l-konvenuti huma ħatja ta' disprezz. Fid-digriet il-Qorti tat raġuni għalfejn ordnat lir-Reġistratur sabiex jibda l-proċeduri skont l-Artikolu 1003A tal-Kap. 12. Dan kien proprju minħabba r-rapport tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti li jaqra:

> *"Ngħid u niżgura li ma eżegwejtx id-digriet tal-Qorti billi meta fit-23 ta' Awissu 2016 morna fl-indirizz mogħti Antheus Triq l-Arżnu, San Ġwann ħabbatna l-bieb diversi drabi u ma fetaħ ħadd. Fil-pront rajna xi persuna wara t-tieqa u anke smajna xi ħsejjes minn ġewwa, preżenta magħna kellna lil WPC304 Mifsud, PC824 Grima u PC1221 Mifsud u komplejna inħabbtu. Is-Surġent għajtet lil din il-persuna biex tiftaħ il-bieb għax inkellah hemm digriet sabiex nisgassaw pero' din il-persuna wieġbet li ma tridx tiftaħ peress li kienet waħedha u qaltilna li t-tifla tagħha Nadia Vella kienet waslet biex tiġi u għalhekk stennejna madwar għaxar minuti u dan ġiet u fetħet il-bieb. Flimkien magħha fil-karozza ġie Dr William Cuschieri dħalna ġod-dar u tellawna fuq fejn kien hemm il-minuri. Għidna lill-minuri biex jiġi magħna u Nadia Vella qaltlu le u dan beda jirrifjuta. Kemm Nadia Vella, kif ukoll ommha li kienet preżenti Carmen Vella ID card number 57649G, kif ukoll Dr William Cuschieri bdew ifixkluna mill-qadi ta' dmirijietna billi bdew jopponuna milli nieħdu l-minuri. Anke bdew jiġbdu l-videos, ħafna diskors żejjed kontra s-Sinjorija Imħallef Mangion u kontra l-Qorti u kontra d-digriet tal-Qorti li dejjaqna ħafna u domna ħafna ħin insiktuh, pero' dan baqa' sejjer bid-diskors u wissejnih li qed ifixkilna u dan kollu ser nirrapurtawh lill-Qorti. Diskors mhux floku sar minn Dr William Cuschieri, sar kontra Dr Sharon Mizzi u Dr Rodianne Sciberras li għa darb'oħra kellna insikktuh. Tlabnihom sabiex igħaddulna lill-minuri u jagħtuh lil missieru li kien barra jistenna, pero' dawn bdew jirrifjutaw u l-minuri ma biddilx fehemtu u baqa' jirrifjuta. Domna madwar sagħtejn u noft nitħabtu magħhom, iżda kollu għal xejn għalhekk nitlob direzzjoni mingħand l-Onorabblih Qorti".*

31. B'dak ir-rapport l-uffiċjal eżekuttiv Mario Genuis talab direzzjoni mingħand il-Qorti. Kien wara dak ir-rapport tat-23 ta' Awwissu 2016 li

ovvjament il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lir-Reġistratur sabiex jibda proċeduri ta' disprezz kontra l-konvenuti.

32. F'dak l-istadju ma kienx hemm ħtieġa li l-Qorti tisma' lill-konvenuti qabel tagħti ordni lir-Reġistratur sabiex jibda l-proċeduri ta' disprezz, irrispettivament kinux parti jew le fil-kawża 302/2012. Il-Qorti kellha kull jedd li bir-rapport tal-uffiċjal eżekuttiv quddiemha, tordna li jittieħdu proċeduri ta' disprezz kontra l-konvenuti li kollha kemm huma jissemmew fir-rapport. Hu fil-kawża ta' disprezz li l-konvenuti jiddefendu ruħhom u jitressqu l-provi, u jiġi deċiż jekk il-konvenuti humiex ħatja ta' disprezz. Bid-digriet tal-24 ta' Awwissu 2016 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma pproċċessatx u lanqas ma kkundannat lill-konvenuti. Kull m'għamlet b'dak id-digriet kien li ordnat lir-Reġistratur sabiex jieħu l-passi opportuni skont il-liġi. Digriet li mingħajru r-Reġistratur ma setax jibda proċeduri ta' disprezz kontra l-konvenuti.

33. Fid-digriet tal-24 ta' Awwissu 2016 il-Qorti għamlitha ċara li l-ordni kienet qiegħda tingħata fuq dak li *"irrapportaw il-Marixxalli"*. Wieħed jista' jargumenta li ma kienx hemm għalfejn li fid-digriet il-Qorti żżid il-kliem, *"jikkostitwixxi ostakolu għall-eżekuzzjoni* [*sc.* tal-ordni] *tal-Qorti u att ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti"*. Min-naħa l-oħra wieħed għandu jikkonsidra d-digriet fl-intjier tiegħu u mhux jagħżel biss ftit kliem. Fl-ebda parti tad-digriet il-Qorti ma qalet li dak li rraportaw il-Marixxalli hu l-verita` tal-fatti kif ġraw jew li l-konvenuti għandhom jiġu kundannati. B'dak li ntqal

fid-digriet il-Qorti sempliċement tat ir-raġuni għalfejn ordnat lir-Reġistratur sabiex jibda kawża ta' disprezz skont l-Art. 1003A tal-Kap. 12 u xejn iktar.

34. Kieku l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat deċiżjoni li l-konvenuti huma ħatja ta' disprezz, ma kinitx tordna lir-Reġistratur sabiex jibda proċeduri ta' disprezz kontrihom iżda kienet tgħaddi biex timponi fuqhom is-sanzjonijiet kontemplati mil-liġi. Dan apparti l-fatt li l-proċeduri ta' disprezz sa mill-bidunett kienu assenjati quddiem sezzjoni differenti tal-Qorti Ċivili u presjeduta minn imħallef li m'għandha x'taqsam xejn mal-kawża 302/2012 li fiha ngħata d-digriet li minnu l-konvenuti qegħdin jilmentaw. Kawża li ser tinstema' u tiġi deċiża minn ġudikant u mhux minn ġurati, wara li l-Qorti jkollha l-opportunita` li tisma' l-provi kollha li ser iressqu l-partijiet u rrispettivament minn dak li ntqal fid-digriet li bih ġie ordnat lir-Reġistratur sabiex jibda proċeduri ta' disprezz kontra l-konvenuti. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li s-sistema legali domestika fiha l-garanziji meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-kawża titkompla tinstema' quddiem Qorti indipendenti u imparzjali.

35. It-tieni ilment hu dwar il-ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni għat-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, minħabba l-prinċipju tan-*ne bis in idem*. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti m'hemmx riferenza għal dik id-dispożizzjoni li tipprojbixxi r-ripetizzjoni ta' proċeduri kriminali li ġew konklużi b'sentenza finali (*ne bis in idem*).

36. Dik id-dispożizzjoni tipprovdi:

> *"1. No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State"*.

37. Fl-fehma tal-Qorti dan l-ilment hu fieragħ meta tikkonsidra l-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq u l-fatt li bid-digriet tal-24 ta' Awwissu 2006 ma ngħatat l-ebda sentenza finali u lanqas ġiet imposta piena fuq il-konvenuti.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell tal-konvenuti billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bir-riżerva li saret fil-parti tas-sentenza fejn saru konsiderazzjonijiet dwar ir-raba' aggravju. Spejjeż huma kollha a karigu tal-konvenuti.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm